MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 717/2007

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors gurament ta' Rita Seguna bhala mandatarja tal-assenti Charles Seguna datat 10 ta' Gunju 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet illi:-

Illi s-socjeta` intimata Laferla Insurance Agency Limited *nomine* kienet harget polza ta' assikurazzjoni fir-rigward tal-vettura Morris 1000 Nru. C-9840 li fl-14 ta' Lulju 1994 kienet involuta f'incident tat-traffiku li gara fil-Coast Road limiti tas-Salini.

Illi l-mandant tal-esponenti, Charles Seguna, kien involut f'dak l-incident waqt li kien qed isuq motorcycle Kawasaki Nru. Q-7343. Konsegwenza tal-incident, *oltre* l-hsara tal-mutur, Charles Seguna sofra ferita ta' natura gravi u debilita` permanenti fil-persuna tieghu.

Illi ghalkemm mir-rapport tal-Pulizija dwar l-incident, irrizulta fuq dak li kien dikjarat minn Loren Rita u Patrick konjugi Abela li l-vettura Morris Nru. C-9840 kienet qed tinsaq minn Loren Rita Abela, fil-fatt irrizulta zmien wara u cioe' waqt is-smigh tal-provi quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-kawza fl-ismijiet "**Rita Seguna noe vs Loren Rita Abela et**" (Citaz. Nru. 752/1 999/GCD) li l-vettura kienet fir-realta' qed tinsaq minn Patrick Abela, li fid-data tal-incident ma kellux licenzja tas-sewqan. Dan il-fatt ingieb a konjizzjoni tas-socjetajiet intimati permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 2001. Fl-imsemmija kawza, is-socjeta' intimata Laferla Insurance Agency Limited *nomine* kienet interveniet "*in statu et terminis*".

Illi s-socjeta' intimata Laferla Insurance Agency Limited *nomine* sostniet li ma kenitx qed taghti kopertura assikurativa lil Patrick Abela.

Illi permezz ta' sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "**Rita Seguna noe vs Loren Rita Abela et**" (Citaz. Nru. 752/1999) (Dok "B") l-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara li cahdet l-appell principali interpost mill-esponenti *nomine* u l-appell incidentali tal-konjugi Abela bl-ispejjes, ikkonfermat fl-interezza taghha s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2004 u cioe' li Patrick Abela kien unikament responsabbli ghall-incident, illikwidat id-danni ta' Charles Seguna fl-ammont ta' hamsa u hamsin elf disa' mija erbgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm55,924.50c) u kkundannat lil Patrick Abela sabiex mill-beni tieghu u tal-komunjoni tal-akkwisti ma' martu Loren Abela jhallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjes tal-kawza.

Illi l-esponenti *nomine* talbet bonarjament lis-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited *nomine* sabiex tonora s-sentenza fuq riferita kif "*ex lege*" obbligata (Dok "C") izda l-istess socjeta' intimata Laferla Insurance Agency Limited *nomine* irrifjutat, minkejja dak li jipprovdi **artikolu 19 (2) (f) tal-Avviz Legali 28 tal-1986** (Dok "D").

Illi r-rifjut tas-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited *nomine* huwa legalment insostenibbli.

Illi permezz ta' protest taghha tat-30 ta' April 2007 (Dok “E”) l-esponenti *nomine*, filwaqt li avzat formalment lis-socjeta' intimata Lloyd's Malta Limited, interpellat lis-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited *nomine* sabiex taghmel tajjeb bhala "assiguratur koncernat" (*insurer concerned*) skont **artikolu 19 (2) (f) tal-Avviz Legali 28 tal-1986** versu l-esponenti *nomine* dak kollu li mis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2007 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Rita Seguna noe vs Loren Rita Abela et**" (Citaz. Nru. 752/1999) hija obbligata tonora "*ex lege*" skont l-istess **Avviz Legali 28 tal-1986**.

Illi fil-kontroprotest taghha tas-16 ta' Mejju 2007 (Dok “F”) is-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited *nomine* cahdet li kienet hekk obbligata.

Illi s-socjeta' Lloyd's Malta Limited fil-kuntest tad-dmirijiet ta' rappresentanza "*ex lege*" tal-assikurazzjoni Lloyd's ghandha wkoll obbligi taghha fil-konfront tal-esponenti *noe*.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati socjetajiet jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li s-socjetajiet intimati jew min minnhom huma l-*"assiguratur koncernat"* (*insurer concerned)* skont **artikolu 19 (2) (f) tal-Avviz Legali 28 tal-1986.**

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess socjetajiet intimati jew min minnhom iridu jonoraw "*ex lege*" fil-konfront tal-esponenti *nomine* skont l-istess **Avviz Legali 28 tal-1986** "*in toto*" jew "*in parte*" is-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2007 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Rita Seguna noe vs Loren Rita Abela et**" (Citaz. Nru. 752/1999).

3. Tillikwida d-danni, spejjez gudizzjarji u imghax li skont l-**Avviz Legali 28 tal-1986** is-socjetajiet intimati jew

min minnhom iridu jaghmlu tajjeb "*ex lege*" versu l-esponenti *nomine* mis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2007 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Rita Seguna *noe* vs Loren Rita Abela et**" (Citaz. Nru. 752/1999).

4. Tikkundanna lill-istess socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lill-esponenti *nomine* dak kollu li jigi dikjarat bhala dovut minnha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-30 ta' April 2007 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol 32 tal-process fosthom is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Rita Seguna nomine vs Loren Rita Abela et”** tas-26 ta’ Jannar 2007 (Dok. “B”).

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia ghas-seduta tas-22 ta’ Ottubru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Lloyd’s Malta Limited datata 13 ta’ Awwissu 2007 a fol 37 tal-process fejn espona: -

1. Illi *in linea* preliminari, Lloyd’s Malta Limited mhijiex legittima kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess, f’kaz illi Lloyd’s Malta Limited qed tigi citata fil-gudizzju *a tenur* tal-**artikolu 48 A (2),(3) u (4) tal-Kap. 403** u cioe` bhala General Representative ta’ Lloyds, il-gudizzju mhuwiex integru u r-rikors promotur fil-konfront taghha huwa irritu *stante* li dan huwa nieqes mir-rekwiziti stabbiliti fl-imsemmi **artikoli tal-Kap 403 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jirregola n-notifika ta’ atti giudizzjarji lir-rappresentant lokali ta’ Lloyd’s.

3. Illi subordinatament u fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-drtitt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi s-socjeta` eccipjenti ma tiggestixxi l-ebda attivita` fil-qasam tan-negozju ta' assikurazzjoni u kwindi mhijiex "*insurer*" kif kontemplat fl-**Avviz Legali 28 tal-1986** u b'hekk ma jirrizultawx l-elementi mehtiega sabiex hija tigi meqjusa bhala "assigurat koncernta" *a tenur* tal-**Avviz Legali 28 tal-1986.**

4. Illi minghajr pregudizzju, anke jekk is-socjeta` eccipjenti kellha tikkwalifika bhala assigurat koncernat, il-ligi u senjatament l-**Avviz Legali 28 tal-1986** ma jobbligax lill-assigurat koncernat biex ihallas jew jonora ammont kanonizzat b'sentenza kif qed jintalab mir-rikorrenti.

5. Illi f'kull u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda ta' Lloyd's Malta Limited a fol. 38 u 39 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta' Laferla Insurance Agency Limtied *nomine* datata 8 ta' Awwissu 2007 a fol. 42 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi *in linea* preliminari, jigi rilevat illi s-sindikat ta' Lloyds illi hareg il-polza jisimha "*Crowe Motor Policies at Lloyds*" L-atti tal-kawza ghandhom jigu korretti. Is-socjeta` eccipjenti naturalment ma topponix ghal tali korrezzjoni.

2. Illi wkoll *in linea* preliminari, is-socjeta` Laferla Insurance Agency ma ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-sindikati ta' Lloyds, ghalkemm topera bhala agent u madantarja taghha. Tali rapprezentanza hija fdata *ex lege* lis-socjeta` konvenuta l-ohra, Lloyd's Malta Limited. Is-socjeta` eccipjenti ghandha allura tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi f'kull kaz, il-polza illi fuqha hija imsejsa l-azzjoni odjerna, giet mahruga sew mill-imsemmi sindikat u kif ukoll mis-socjeta` Middlesea Insurance plc b'sistema ta' *co-insurance* b'mod illi kull risponsabbilta` ta' hlas taht dik il-polza hija ristretta ghall-kwota ta' sebghin fil-miji (70%) tal-pretenzjoni attrici, illi hija appuntu l-kwota ta' riskju merfghu mill-imsemmi sindikat taht dik il-polza.

4. Illi d-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici *nomine* ma jimportaw ebda obbligu ta' hlas tas-somma pretiza mill-istess attrici *nomine*.

5. Illi minn kull somma talvolta pagabbli mis-socjeta` konvenuta ghandha titnaqqas somma rapprezentanti l-ispejjez gudizzjarji nkorsi mis-socjeta` eccipjenti in konnessjoni mal-kawza msemmija fir-rikors promotur illi skont is-sentenza citata mill-istess attrici *nomine* huma pagabbli mill-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti u l-lista tax-xhieda a fol 43 u 44 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia fejn fis-seduta tal-15 ta' Frar 2008 xehed Mark Laferla. Dr. Joseph Zammit McKeon talab l-allegazzjoni tal-atti tac-Citazzjoni Numru 752/99 deciza 26 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet "**Seguna vs Abela**". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti; u l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2008 fejn xehed Denise Gauci Condorato rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Dr. Joseph Zammit McKeon talab il-korrezzjoni fl-okkju tar-rikors fis-sens li fl-okkju is-socjeta' Laferla Insurance Agency Ltd tigi ndikata li qed tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta Estera Assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds. Il-Qorti laqghet it-talba u l-intimati taw ruhhom b'notifikat b'rikors kif ikkoregut u rrinunzjaw ghal kull terminu salv li l-eccezzjonijiet moghtija minnhom ikun joghddu ghar-rikors kif korrett. Dr. Joseph Zammit McKeon talab l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' assikurattrici MiddleSea Insurance plc. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet il-kawza ghan-notifika tar-

rikors guramentat lis-socjeta' Middle Sea Insurance plc ghas-16 ta' Gunju 2008.

Rat ir-risposta guramentata ta' Middlesea Insurance plc *nomine* datata 19 ta' Gunju 2008 a fol. 79 tal-process fejn ecceppiet: -

1. Illi d-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici *nomine* ma jimportaw ebda obbligu ta' hlas tas-somma pretiza mill-istess attrici *nomine*.

2. Illi minn kull somma talvolta pagabbli mis-socjeta` konvenuta ghandha titnaqqas somma rapprezentanti l-ispejjez gudizzjarji nkorsi mis-socjeta` eccipjenti in konnessjoni mal-kawza imsemmija fir-rikors promotur illi skont is-sentenza citata mill-istess attrici *nomine* huma pagabbli mill-istess attrici *nomine*.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti u l-lista tax-xhieda a fol. 80 tal-porcess.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2008 fejn il-kawza thalliet ghall-provi tal-partijiet dwar ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited (fol.82).

Rat in-nota tas-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited datata 5 ta' Novembru 2008 fejn iddikjarat b'referenza ghall-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2008 li tikkonferma li fid-data tal-incident mertu tal-kawza odjerna Patrick Vella ma kellux 18 il-sena (fol. 84).

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2008 fejn Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta' Middlesea Insurance plc iddikjara li jassocja ruhu man-nota ta' Laferla Insurance Agency Limited tal-5 ta' Novembru 2008.

Rat in-nota attrici datata 29 ta' Dicembru 2008 fejn b'riferenza ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Lloyd's (Malta) Limited esebit kopja legali ta' ittra ufficjali li l-attrici *nomine* pprezentat kontra s-socjeta' konvenuta Laferla Insurance Agency Limited ghal fini tal-

**artikolu 48 A (4) tal-Kap. 203** kif ukoll lis-socjeta' Lloyd's Malta Limited bhala Dok. "RS1" (fol. 85).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici *nomine* datata 6 ta' Jannar 2009 a fol 86 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2009 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Zammit McKeon fejn l-Imhallef sedenti ddikjara li kien hemm ragunijiet biex issir astensjoni *a tenur* tal-**artikolu 773 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghalhekk astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.

Rat li din il-Qorti kif presjeduta giet surrogata mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Mhallef Vincent De Gaetano b'digriet datat 17 ta' Marzu 2009 (fol. 95) sabiex tisma l-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat li din il-Qorti appuntat il-kawza quddiema ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Laferla Insurance Limited u Middlesea Insurance plc (fol. 102), kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Lloyds Malta Limited (fol.105) ipprezentati rispettivament fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-attrici prezenti. Deher Dr. Stephen Thake ghas-socjetajiet intimati u Dr. Cassar Pullicino ghas-socjeta` intimata Lloyds Malta Limited. Dr. Thake esebixxa kopja tal-**Avviz Legali 28/1986** bhala Dok. "ST". Gie nnutat li l-**Insurance Business ACT tal-1981 (Att Numru XVII)** giet sostitwita bl-**Insurance Business Act tal-1998 (Kap 403)**. Id-difensuri qablu li *ai termini* tal-Ligi, Lloyd's Malta Limited giet imharrka biex tirrapprezenta lill-membri tas-sindikat numru 963 ta' Lloyd's Londra. Id-difensuri trattaw il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar ir-raba' eccezzjoni tas-socjetajiet Laferla Insurance Agency

Limited u Lloyds Malta Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Middlesea Insurance plc ghas-26 ta’ Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentata u d-digrieti relattivi taghom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attrici *nomine* qed titlob li tithallas minghand is-socjetajiet intimati ghaliex hija tikkontendi li huma obbligati bil-ligi li jhallsu d-danni li gew likwidati favur taghha *nomine* fil-kawza fl-ismijiet **“Rita Seguna nomine vs Loren Rita Abela et”** (Citaz. Nru. 752/1999) moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Jannar 2007, li biha giet ikkonfermata s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta’ Gunju 2004 (GCD), fejn Patrick Galea, (li l-partijiet jaqblu li dak iz-zmien ma kellux 18-il sena) kien instab unikmanent responsabbli tal-incident awtomobilistiku li gara fl-14 ta’ Lulju 1994 fil-11.30.a.m. fil-Coast Road limiti tas-Salina, meta huwa kien qed isuq il-karozza Morris 1000 Reg. No. C – 9840 u baqa’ diehel fil-mutur Reg. No. Q – 7343 misjuq minn Charles Seguna, u l-istess konvenut Patrick Galea gie kkundannat ihallas l-ammont ta’ Lm55,924.50 mill-beni tieghu u tal-komunjoni tal-akkwisti ma’ martu Loren Abela flimkien mal-ispejjez tal-kawza, liema kawza llum ghaddiet in gudikat.

Illi jirrizulta li l-istess vettura tal-marka Morris 1000 – Reg. No. C – 9840 kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni mahruga minn Laferla Insurance Agency Limited bhala agent ta’ l-Assiguraturi *Crowe Motor Policies at Lloyds* u Middlesea Insurance plc (Dok. “ML1” – fol. 50).

Illi llum mhux kontestat li effettivament il-vettura fid-data u hin tal-incident kienet misjuqa minn Patrick Abela li ma

kellux licenzja tas-sewqan u li ma kellux 18-il sena (fol. 84) u allura l-istess socjetajiet assikuratrici qed isostnu li ma humiex marbuta li jhallsu skont l-istess polza u permezz tal-eccezzjonijiet minnhom moghtija lanqas skont il-ligi.

Illi l-attrici *nomine* qed issostni li s-socjetajiet assikuratrici huma fil-fatt “assiguratur koncernat” skont kif provdut fl-**artikolu 19 (1) tal-Avviz Legali 28 tal-1986,** u permezz tal-**artikolu 19 (2) (f) tal-Avviz Legali 28 tal-1986,** la darba s-sewwieq tal-vettura ma kienx kopert b’licenzja tas-sewqan, huma xorta wahda ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minn terz fl-istess incident, la darba kien hemm polza ta’ assikurazzjoni fis-sehh li kienet taghmel tajjeb ghar-riskji ghal terza persuna bl-uzu tal-vettura assikurata, u li b’konsegwenza tal-istess l-attrici *nomine* soffriet danni kawza tas-sewqan tal-vettura assikurata, u li din ir-responsabilita’ tas-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjietajiet intimati giet ikkonfermata b’sentenza tal-Qorti, b’dan li l-mandanti tal-attrici huwa fil-fatt “debitur kif gudikat” konsegwenti ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **“Rita Seguna nomine vs Loren Rita Abela et”** deciza fis-26 ta’ Jannar 2007.

Illi fost l-eccezzjonijiet li nghataw mis-socjetajiet konvenuti hemm ir-raba’ eccezzjoni tas-socjeta’ Laferla Insurance Agency Limited u Lloyd’s Malta Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ Middlesea Insurance plc fejn qed jecceppixxu li d-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici *nomine* ma jimportaw ebda obbligu ta’ hlas pretiz mill-istess attrici *nomine*.

Illi jinghad li l-posizzjoni tas-socjetajiet intimati dwar din l-eccezzjoni giet minnhom spjegata permezz tan-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom datata 12 ta’ Mejju 2009 (a fol. 102 u 105 rispettivament) fejn qed jghidu li anke jekk huma jistghu jikkwalifikaw bhala *“insurer concerned”,* xorta wahda b’daqshekk huma ma humiex obbligati li jaghmlu tajjeb ghad-danni reklamati mill-attrici u dan peress li jsostnu li l-istess Avviz Legali jipproponi hlas ta’ kumpens lill-vittma mis-*Security Fund* kemm-il darba ma jkunx hemm *insured concerned* – izda altrimenti ma

hemm ebda obbligu impost mill-ligi *da parte* tal-“assiguratur koncernat” li jaghmel tali hlas u l-argument *a contrario sensu* ma ghandux japplika ghall-kaz in ezami; qed jigi argumentat ukoll li l-Avviz Legali ma jistax jigi interpretat kif qed issostni l-attrici *nomine* ghaliex allura jkun ifisser li l-vittma kellha zewg rimedji wahda taht il-**Kap. 104**, jekk tigi segwita l-proceduta hemm indikata u l-ohra taht l-**Avviz Legali 28 tal-1986**; u fl-ahharnett jinghad li tali Avviz Legali sar taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 25 tal-Insurance Business Act 1981 (Att Numru XVII tal-1981)** (illum abrogat bil-**Business Act tal-1998)** u regolamenti taht l-istess artikolu setghu biss isiru sabiex jirregolaw il-Fond tal-Assigurazzjoni mwaqqaf taht l-**artikolu 26** tal-istess Att, u allura tali regolamenti ma jistghux jigu nterpretati sabiex jikkrejaw responsabbiltajiet godda ghall-assikuraturi jew drittijiet godda ghall-vittmi.

Illi wara li din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi nkluz il-ligijiet applikabbli ghall-kaz odjern u b’mod partikolari l-**Avviz Legali 28 tal-1986**, thoss li fir-rigward tas-sottimissjonijiet tas-socjetajiet intimati fuq l-eccezzjoni minnhom moghtija u li qed tigi trattata f’din is-sentenza, li l-posizzjoni taghhom kif indikata fis-sottomissjonijiet taghhom, hija differenti minn dik originarjament minnhom avvanzata permezz tar-risposta taghhom datata 17 ta’ Mejju 2007 (Dok. “F” – fol. 30) ghall-protest gudizzjarju li kien sar kontra taghhom mill-attrici *nomine* fit-30 ta’ April 2007, u dan peress li fl-istess risposta huma kienu rrifjutaw li jaghmlu l-hlas peress li sostnew *“illi huma ma jikkwalifikawx bhala ‘insurer concerned’”* skont id-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici.

Illi jidher li fl-istess nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, u dan in sostenn tal-eccezzjoni taghhom, il-posizzjoni taghhom illum hija fis-sens li d-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici *nomine* ma jimportaw ebda obbligu ta’ hlas tas-somma pretiza, ghaliex qed jghidu li anke jekk huma jigu kkunsidrati bhala “assiguratur koncernat” ma hemm xejn fil-ligi li tobbliga lilhom li jaghmlu dan il-hlas.

Illi certament li dan huwa bdil ta’ posizzjoni sinifikanti *da parte* tal-istess socjetajiet konvenuti anke *in vista* tal-fatt li

fl-istess nota ta' osservazzjonijiet a fol. 102 tal-process huma stess jghidu li *"anke jekk jirrizulta illi huma verament jikkwalifikaw bhala insurer concerned skont kif targumenta l-attrici, ma jsegwix b'daqshekk illi huma ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni riklamati mill-attrici".*

Illi dan ifisser li n-nota ta' osservazzjonijiet *da parte* tal-istess socjetajiet intimati ma hijiex qed tghid li huma ma humiex "assiguratur koncernat", izda qed tghid li anke jekk huma, l-ligi ma tobbligahomx li jhallsu. Dan fl-opinjoni tal-Qorti huwa ferm sinifikanti tenut kont li kif inghad fir-risposta citata tas-17 ta' Mejju 2007 l-posizzjoni taghhom kienet wahda differenti tant li hemm qalu li huma ma humiex "assiguratur koncernat", u allura kien ghalhekk li l-attrici *nomine* ghamlet l-ewwel talba u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha f'din il-kawza ndirizzat ukoll dan il-punt ta' x'inhu "assiguratur koncernat".

Illi wara li din il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni, hija ssostni li s-socjatajiet intimati huma effettivament "assiguratur koncernat" skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (2) (f) tal-A.L. 28 tal-1986,** u dan jirrizulta mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19** tal-imsemmi Avviz Legali meta dan jinqara fl-interezza tieghu nkluz id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (2) (4) u (5) tal-istess,** u skont l-istess disposizzjonijiet jirrizulta li tali "assiguratur koncernat", u allura s-socjetajiet intimati, huma obbligati li jaghmlu tali hlasijiet; dan huwa kkonfermat anke bid-disposizzjoniet tal-**artikolu 20** li jipprovdu ghall-hlas mis-*Security Fund* biss meta ma jkunx hemm "assiguratur koncernat" li huwa tenut ihallas skont l-**artikolu 19** fuq citat. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti kull interpretazzjoni ohra tirrendi d-*disposizzjonijiet* tal-ligi dwar "assiguratur koncernat" u l-obbligazzjonijiet tieghu kompletament bla ebda sinifikat u effett u din fil-fatt hija t-tezi tal-istess socjetajiet intimati, li din il-Qorti ma ghandhiex u ma tistax taccetta.

Illi dwar dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet fejn l-intimati qed donnhom isostnu li ma jistax jigi nterpretat li l-Avviz Legali johloq obbligazzonijiet godda ghas-socjetajiet assikuratrici u dan peress li dan imur *oltre* dak li tipprovdi

l-*enabling Act* (**Att XVII tal-1981)** fejn ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz, jinghad li setghu biss isiru regolamenti a bazi tal-**artikolu 25 (1) (f)** li jirregolaw kull haga li ghandha x'taqsam mal-Fond stabbilit taht l-**artikolu 26 ta' l-istess Att,** jinghad li jidher li hawn effettivament l-istess intimati qed isostnu li tali regolamenti jistghu jkunu *ultra vires,* pero' certament li din is-sottomissjoni ghandha titressaq 'il quddiem fi proceduri idonei u mhux f'din il-procedura. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti thoss li jirrizulta mill-istess Avviz Legali li l-istess regolamenti saru taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 25 tal-Kap. 290,** nkluz l-**artikolu 25 (1) (f)** citat mill-istess socjetajiet intimati fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom.

Illi fl-ahharnett dwar l-argumentazzjoni ghal dak li jipprovdi l-**Kap 104** u dak li jipprovdi l-Avviz Legali in kwistjoni, jinghad li fl-ewwel lok l-kawza odjerna ma hijiex ibbazata fuq il-**Kap. 104** u fit-tieni lok il-fatt li l-vittma tinghata rimedju iehor ghal dak provdut fil-**Kap. 104** ma jmur bl-ebda mod kontra l-ligi u lanqas huwa b'xi mod ipprojbit mill-istess.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak hawn premess, din il-Qorti qed tichad ir-raba' eccezzjoni tas-socjetajiet Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghha premessa u ta' Lloyd's Malta Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Middlesea Insurance plc ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad r-raba' eccezzjoni tas-socjetajiet Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghha premessa u ta' Lloyd's Malta Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Middlesea Insurance plc** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tas-socjetajiet Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghha

premessa, ta' Lloyd's Malta Limited u tas-socjeta' Middlesea Insurance plc.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------